Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9396/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0051(COD)**

POLCOM 87
COEST 315
CODEC 866

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-23 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1] lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.

2. Fid-9 ta' Mejju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[2].

[1] 6793/23.
[2] 9001/23.

3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 19/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.